MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2010

Appell Kriminali Numru. 35/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Christian Callus**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Christian Callus talli:

(1) fl-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta, nhar-it 8 ta’ Marzu 2006, ghall-habta ta’ xi 2.30 p.m., naqas li jiddikjara lill-Kontrollur tad-Dwana li kien ser johrog somma ta’ aktar minn Lm5000 (€11,700) jew l-ekwivalenti tieghu minn Malta bi ksur tal-provvedimenti tal-Avviz Legali 463/2004 (Regolamenti tal-2004 dwar Rappurtagg ta’ Caqliq ta’ flus) ta’ l-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni (Kap. 233);

(2) fl-istess data, ħin u ċirkostanzi kiser il-provvedimenti ta' sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati fis-6 ta' Frar 2006;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta' Jannar 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat ir-regolament 3(1)(2)(3)(4)(5) ta' l-Avviz Legali 463 tas-sena 2004, liema regolament inzamm fis-sehh bl-Avviz Legali 149 tas-sena 2007, u l-artikolu 23 tal-Kap. 446, ma sabitx lill-imsemmi Christian Callus hati tat-tieni imputazzjoni u lliberatu minnha izda sabitu hati ta' l-ewwel imputazzjoni u kkundannatu jhallas multa ta' 6500 dollaru Amerikani skond kif kien il-kambju fit-8 ta' Marzu 2006 (ekwivalenti ghal Lm 2219.26 u ekwivalenti ghal €5193.08) liema multa tista' tithallas fi zmien 18-il xahar mid-data tas-sentenza appellata u fin-nuqqas tinbidel f'seba xhur prigunerija. Dik il-Qorti ordnat il-konfiska tal-flusipprezentati mill-ufficjal Carmel J. Azzopardi;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Christian Callus ipprezentat fit-8 ta' Frar 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma l-istess fejn din illiberatu mit-tieni mputazzjoni, thassar u tirrevoka l-istess fejn din sabitu hati ta' l-ewwel imputazzjoni u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u htija;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-Avviz Legali 463/04 gie abrogat fil-mori ta' dawn il-proceduri bl-Att dwar it-Tranzazzjonijiet Esterni u f'dik il-ligi m'hemmx *saving clause*. Ghalhekk japplika l-principju *nullum crimen sine lege*; (2) li, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, il-ligi ma tghidx fejn dak li jkun irid jaghmel id-dikjarazzjoni rikjesta fir-regolament 30(1). Ir-rapprezentanti tal-Kontrollur huma l-ufficjali ta' l-

immigrazzjoni u meta mistoqsi kellux flus x'jiddikjara wiegeb fl-affermattiv u li kellu madwar $20,000.

Dwar l-ewwel aggravju huwa bizzejjed li ssir referenza ghall-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap. 249 tal-Ligijet ta' Malta). Il-partijiet rilevanti huma s-segwenti:

**"12. (1) Meta xi Att mghoddi wara l-bidu fis-sehh ta' dan l-Att ihassar xi ligi ohra, kemm-il darba ma jidhirx hsieb kuntrarju, it-thassir m'ghandux –**
**….**
**(b) jolqot it-thaddim ta' xi ligi qabel ma kienet hekk imhassra jew xi haga maghmula jew li thalliet issir taht xi ligi hekk imhassra;**
**….**
**(d) jolqot xi penali, konfiska jew piena li wiehed seta' jehel dwar xi reat li jkun sar kontra xi ligi hekk imhassra, jew xi responsabbilta` ghal xi penali, konfiska jew piena bhal dawk;**
**….**
**u kull stharrig, procedimenti legali, jew rimedju bhal dawk jistghu jinbdew, jitkomplew, jew jigu nforzati, u kull penali, konfiska jew piena bhal dawk jistghu jigu mposti, bhallikieku l-Att li jhassar ma jkunx ghadda."**

L-artikolu 2 tal-Kap. 249 jiddefinixxi "Att" bhala "Att tal-Parlament u kull Att iehor mghoddi mill-Legislatura ta' Malta u tinkludi kull kodici, ordinanza, proklama, ordni, regola, <u>regolament</u>, *bye-law*, avviz jew dokument iehor li ghandu sahha ta' ligi f'Malta barra minn kull dokument li ghalih japplika l-Att tal-Parlament tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u ta' l-Irlanda ta' Fuq imsejjah 'The Interpretation Act, 1889'" (sottolinear ta' din il-Qorti).

Issa, permezz tar-regolament 6 ta' l-Avviz Legali 149 tas-sena 2007, ir-Regolamenti ta' l-2004 dwar Rappurtagg ta' Caqlieq ta' Flus (Avviz Legali 463 tas-sena 2004) gew revokati. L-ewwel imputazzjoni tirreferi ghat-8 ta' Marzu 2006 meta kienu *in vigore* r-regolamenti ta' l-2004. M'hemm l-ebda dubju illi r-reat kontemplat fir-regolament 3(1) tar-regolamenti ta' l-2004 huwa kwazi identiku ghar-reat kontemplat fir-regolament 3(1) tar-regolamenti ta' l-

2007. Ma jistax ghalhekk jinghad illi bir-regolamenti l-godda l-legislatur wera “hsieb kuntrarju”. Konsegwentement, a tenur ta’ dak li jipprovdi l-Att dwar l-Interpetazzjoni, it-thassir tar-regolamenti ta’ l-2004 ma jolqotx l-applikabilita` ta’ dawk ir-regolamenti ghall-kaz odjern. L-ewwel aggravju huwa b’hekk michud.

Permezz tat-tieni aggravju l-appellant jirreferi ghar-regolament 30(1) ta’ l-Avviz Legali 463/04 li kien jipprovdi: **“Kull persuna diehla jew hierga minn Malta li tkun qieghda ggorr somma ekwivalenti ghal hamest elef liri Maltin (Lm5,000) jew izjed fi flus, ghandha l-obbligu li tiddikjara dik is-somma lill-Kontrollur.”** Jghid illi l-ligi ma tipprovdix fejn dak li jkun irid jaghmel id-dikjarazzjoni. Skond l-appellant, ir-rapprezentanti tal-Kontrollur huma l-ufficjali ta’ l-immigrazzjoni. Jghid li hu ma naqasx milli jaghmel tali dikjarazzjoni. Meta gie rinfaccat ma’ l-ufficjal relattiv u gie mistoqsi jekk kellux flus x’jiddikjara, dan ma wegibx fin-negattiv, u ma kellux ghalfejn jaghmel dan ghax ma kien qed jaghmel xejn illegittimu. L-appellant jghid li l-ewwel Qorti kienet erroneja wkoll meta ghamlet enfasi fuq dak li dehrilha kienet gidba ta’ l-appellant. Huwa ma qalx li kellu $20,000 imma stqarr li kellu <u>madwar</u> $20,000, u wera d-disposizzjoni tieghu li jikkoopera pjenament. X’seta’ jaghmel oltre dan huwa difficli li wiehed jikkontempla. L-appellant jissottometti li hekk jigri meta xi nies igibu xi effetti minn pajjizi fejn trid tithallas id-dwana fuqhom. Ghandhom xelta jaghzlu jew min-*nothing to declare* jew mill-via l-ohra. Hawn l-ufficjal ta’ l-immigrazzjoni jistaqsihom x’ghandhom x’jiddikjaraw. Ma jezisti ebda ufficcju iehor fejn tista’ ssir dikjarazzjoni simili, u lanqas ghall-kaz odjern.

Irid jinghad l-ewwelnett illi d-dikjarazzjoni msemmija fir-regolament 3(1) imsemmi trid issir lill-Kontrollur tad-Dwana, ossia lill-ufficjali tad-Dwana in rapprezentanza tal-Kontrollur, u mhux lill-ufficjali ta’ l-immigrazzjoni kif jghid l-appellant. Mill-provi jirrizulta illi l-appellant kien se jsiefer bl-ajru lejn id-Dubai fit-8 ta’ Marzu 2006. Kien diga` qabez il-kontrolli tas-sigurta` u mar l-ufficcju tad-Dwana (mhux ta’ l-immigrazzjoni) biex jiddikjara xi *mobiles* li kien se johrog mieghu ghat-tiswijiet. M’hemm l-ebda dubju illi r-

regolament 3(1) kien applikabbli ghalih peress illi huwa kien “hiereg” minn Malta. Gie mistoqsi kemm kellu flus fuqu u wiegeb li kellu madwar $20,000. Effettivament instab li kellu total ta’ madwar $26,000. Id-dikjarazzjoni kellha ssir fuq formola appozita kif provdut fir-regolament 3(2). Bhalma l-appellant spontanejament mar jiddikjara l-*mobiles* li kien se johrog mieghu, kellu ukoll jiddikjara l-flus li kellu fuqu spontanejament.

Issa, f’dan il-kaz l-appellant ma marx jiddikjara l-flus izda l-*mobiles*. Huwa jghid illi l-ufficjal tad-dwana talbu l-flus izda hu rrifjuta li jaghtihomlu u talbu jgib il-Pulizija ghax lil tad-dwana ma jafdahomx. Qal li lanqas tawh cans jitkellem. Dahal fil-kamra taghhom ghax ma kellu xejn hazin u ma tawhx cans jitkellem. Fis-sottomissjonijiet tieghu d-difensur ta’ l-appellant qal li in effetti l-appellant ma kienx jaf li kellu jiddikjara l-flus jekk kien qieghed igorr somma in eccess ta’ Lm5,000. Pero` japplika bis-shih il-principju *ignorantia juris neminem excusat*. Kif jghid il-Professur Sir Anthony Mamo[1]:

**“It is a principle recognised by all legal systems that ignorance of the law is no excuse for breaking it …. This rule is absolute. Therefore, no invincible ignorance or error will serve for justification …. Moreover, the said rule is general and applies both in respect of crimes and in respect of contraventions and both to subjects as well as to foreigners.”**

Ghalhekk anke t-tieni aggravju huwa michud.

Ghal dawn il-motivi :

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier, b’dan li l-perijodu ghall-hlas tal-multa jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

1 Notes on Criminal Law, 1960 edit. p. 95 – 96.

---------------------------------TMIEM---------------------------------